**22 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Alexander Victor Baldacchino

*versus*

Henry Albert Pace noe

**Mandat ta' Arrest Personali — Sospensjoni — Skarċerazzjoni — Nullità — Art. 360 u 371 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-ġurisprudenza tagħna pparifikat il-każ ta' mard tad-debitur għall-każ ta' min ikun għalaq is-sittin sena u b'hekk, pietatis causa, introduċiet ir-rimedju tas-sospensjoni tal-mandat ta' arrest personali imħabba mard tad-debitur.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li b'mandat ta' arrest persunali numru mija u tmienja u erbgħin (148) tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu, 1963, fl-ismijiet Henry Albert Pace għad-ditta "Hugo Pace & Sons versus Alexander Victor Baldacchino", ġie arrestat fid-disgħa ta' filgħodu tas-sebgħa (7) ta' Ottubru, 1963; u peress li huwa bniedem marid gravement u fi stat ta' saħħa illi jkun gravement detrimentali għal saħħtu li jinżamm detenut taħt arrest persunali kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Il-konvenut talab li l-Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest personali numru mija tmienja u erbgħin (148) tal-1963 fl-ismijiet "Henry Albert Pace għad-ditta "Hugo Pace & Sons" versus Alexander Victor Baldacchino" imħabba raġunijiet ta' saħħa kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut nomine għas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut li biha eċċipixxa illi l-attur ma talabx li din il-Qorti tordna l-iskarċerazzjoni tiegħu u għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla — salv eċċezzjoni oħra fil-meritu — jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni rispettiva tal-partijiet;

Semgħat lid-difensuri;

Tikkunsidra fuq l-eċċepità nullità tal-att ta' ċitazzjoni illi l-attur talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat tal-ar-

rest mħabba l-istat ta' saħħtu.

Kif hu risaput dan hu rimedju introdott mill-ġurisprudenza pietatis causa, billi si stratta ta' casus omissus, u mhux każ espressament kontemplat mill-liġi (Ara German vs. Mea Kołlez. Vol. XXXVII P. III, p. 898, u Cutajar vs. Tonna Vol. XXXIII, P. III, p. 534 u sentenzi hemm ċitati). Il-ġurisprudenza pparifikat il-każ ta' mard ta' debitur għall-każ ta' min ikun għalaq is-sittin sena (Ara sentenza Catania vs. Vella — Kollez. Vol. XV, Paġ. 612);

Tikkunsidra illi t-talba kif formolata hija ċara biżżejjed u tissodisfa r-rekwisiti tal-liġi ta' proċedura; minha wieħed jista' jifhem ċar biżżejjed illi l-attur irid is-sospensjoni talesekuzzjoni tas-sentenza billi l-arrest tiegħu u l-permanenza fil-ħabs huwa ta' detriment għal saħħtu mħabba l-mard li minnu hu affett. L-attur jista' jibqa' l-ħabs sakemm ikun qiegħed jiġi esegwit il-mandat relativ tal-arrest; appena tavvera ruħha xi kawża li minħabba fiha l-mandat ma jkunx jista' jibqa' esegwit —anke temporanjament — jiġi li l-attur ikun qiegħed jiġi trattenut illegalment jekk ma jiġix minnufih liberat u l-liberazzjoni tiegħu tkun konsegwenzjali għall-ordni tas-sospensjoni anke jekk mhix ordnata espressament per sentenza.

Dan jidher ċar anke mid-diċitura tal-art. 371 Kodiċi tal-Proċedura ċitat mill-istess konvenut. Dan l-artikolu jikkuntempla każi fejn debitur legalment arrestat jista' jitlob il-ħelisien tiegħu mingħajr ebda formalità b'ordni biss ta' l-imħallef jew Maġistrat li kien ikun ħareġ il-mandat. Dawn huma każi fejn il-mandat kien intalab u ġie ottenut legalment, imma fil-kors tal-esekuzzjoni tiegħu, avverat ruħha xi ċirkostanza li tintitola d-debitur li jitlob il-ħelsien tiegħu. Il-każ ta' l-attur jaqa' ċertament taħt dan l-artikolu għaliex hu żgur ma kienx eżenti mill-arrest taħt l-art. 360 u sata' liberalment jiġi arres-

tat. Mela anke jekk kif intqal qabel ma jkun hemm ordni espressa fis-sentenza, jibqa' dejjem illi l-attur mingħajr ebda formalità jkun jista' jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest fil-każ li jirnexxilu jottieni s-sospensjoni tal-mandat bħal min fil-kors tal-arrest jagħlaq is-sittin sena, b'sempliċi ordni ta' l-Imħallef ta' din il-Qorti. Ta min josserva li għalkemm il-kwistjoni ma ġietx deċiża espressament, u għalkemm fil-prattika ġeneralment id-debitur jitlob espressament illi prevja s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat, huwa jiġi liberat, però kien hemm diversi każi fejn il-Qorti ordnat l-iskarċerazzjoni lid-debitur mingħajr ma kien hemm talba ad hoc — wara li ordnat is-sospensjoni tal-mandat relativ (Ara fost oħrajn "Decandia vs. Parnis" għoxrin (20) ta' Ottubru, 1891, — Melendone vs. Caruana tnejn (2) ta' Marzu, 1893, kollez. Vol. XIII, Paġni 23, 434, mogħtijin minn Imħallfin differenti);

Għalhekk tiddeċiedi billi tirriġetta l-eċċepita nullità taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut — u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.